MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 618/1990/1

**Alfred Gatt bhala rapprezentant tas-socjeta` Galdes and Mamo Limited u dina bhala agent f'Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta` Cans Industries Limited; u b'nota tal-25 ta' April 2000, is-socjeta` Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Galdes and Mamo Insurance Agency Limited u dana in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta` Cans Industries Limited**

**v.**

**Chevalier Silvio Mifsud u Adrian Mifsud bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta` S. Mifsud and Sons Limited u dina bhala agenti f'Malta ta' l-armaturi tal-vapur Neptune Star; u Godwin Abela u Lawrence Lautier bhala rapprezentanti tal-kumpanija The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. B'citazzjoni ipprezentata minnha s-socjeta` attrici wara li ippremettiet li:

(I) is-socjeta` Cans Industries Ltd impurtat mill-Grecja mija u tletin (130) toilet paper reels li waslu Malta fuq il-vapur Neptune Star kif jirrizulta mill-polza tal-kariku Dok A;

(II) li meta dawn il-jumbo reels gew skarikati f'idejn il-kuntrattur tal-port, il-kumpanija The Cargo Handling Co. Ltd. u minghandhom gew konsenjati lill-importatur irrizulta li kien hemm il-hsara li 'at first glance' giet notata fuq il-Gate Pass Out Dok B u B2 u li wara gew ezaminati izjed bir-reqqa gie deskritt fis-survey Dok C;

(III) ghal din il-hsara, is-socjeta` attrici bhala assikuratrici, u kif obbligata, hallset ghad-dannu ta' elf hames mija u erbatax-il lira u sitta u disghin centezmu (LM1,514.96);

(IV) il-konvenuti jew min minnhom huwa responsabbli ghal din il-hsara;

talbet li l-konvenuti jew min minnhom:

(1) jigu dikjarati responsabbli ghal hsara fuq indikata; u

(2) jigu ikkundannati jhallsu s-somma ta' Lm1,514.96 in linea ta' danni sofferti mill-impurtatur u surrogati lill-attur

nomine, bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-pagament indikat fis-surroga Dok D maghmula mill-attur nomine.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` S. MIFSUD & SONS LIMITED**

2. Il-konvenuti Mifsud nomine eccepew illi:

(1) id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-merkanzija waslet Malta fl-istess kundizzjoni li l-vapur ircievih u ghalhekk jekk gratilha xi hsara, din m'ghandhomx jirrispondu ghaliha l-konvenuti noe.

(2) il-merkanzija in kwistjoni ingarret taht il-kundizzjoni free in and out u ghalhekk il-konvenuti noe ma kienux responsabbli ghall-iskarikazzjoni taghhom minn fuq il-vapur.

(3) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA` THE CARGO HANDLING COMPANY LIMITED**

3. Il-konvenuti Abela et nomine eccepew illi:

(1) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija minn fuq il-vapur Neptune Star giet zbarkata bil-hsara u meta l-merkanzija tigi zbarkata f'pakki difettuzi ma titqies li tkun saret konsenja ta' l-oggetti lis-Supertintendent jew lill-kuntrattur;

(2) it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-konvenuti ikkonsenjaw il-merkanzija u qdew il-funzjonijiet taghhom bid-diligenza kollha rikjesta mil-Ligi;

(3) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

B'sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Mejju 2002, il-Qorti iddecidiet din il-kawza billi cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez.

**L-APPELL TAS-SOCJETA` ATTRICI**

4. Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u interponiet appell mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti ma ghamlitx ezami gust u ekwu tal-fatti u konsegwentement waslet ghall-konkluzjoni erronea.

Skond is-socjeta` appellanti l-fatti li taw lok ghal din il-vertenza, fil-qosor kienu s-segwenti:

- Is-socjeta` Cans Industries Limited impurtat 130 reel toilet paper mill-Grecja liema merkanzija ingiebet Malta fuq il-vapur *Neptune Star;*

- Skond il-polza ta' karigu jirrizulta li dawn ir-*reels* tghabbew fuq il-vapur fi stat tajjeb fil-fatt fuq il-polza hemm ir-rimarki *clean on board*;

- Meta l-vapur wasal Malta, fil-21 ta' Awissu 1989, u giet skarikata l-merkanzija ghaddiet f'idejn il-konvenuti Abela li mbaghad ikkonsenjawha lill-impurtatur fil-31 ta' Awissu 1989;

- Meta l-merkanzija giet skarikata mill-vapur sar it-taljar mit-*tally clerks* tal-vapur u mit-*tally clerks* tal-konvenuti Abela.

- Fit-*tally sheets* tal-konvenuti Abela jirrizulta li 17-il *reel* nizlu minn fuq il-vapur bid-danni; it-*tally sheets* tal-vapur ma ghandhom l-ebda rimarki u ghalhekk jindikaw li l-merkanzija giet skarikata minghajr danni;

- Meta l-merkanzija giet konsenjata lill-impurtatur ma sarx ezami bir-reqqa tal-merkanzija pero` fil-*gate pass out* jirrizulta wkoll li kien hemm hsara f'17-il *reel*. Ezami bir-reqqa tal-merkanzija sar dakinhar stess minn surveyor indipendenti fil-warehouse ta' l-impurtatur. Minn dan l-ezami irrizulta li l-hsara kienet akbar minn kemm kien jidher u li fil-fatt kien hemm 23 *reels* li kienu danneggjati;

- Il-hsara giet kwantifikata fl-ammont ta' Lm1,514.96 u thallset mis-socjeta` assikuratrici u d-drittijiet ghalihom gew surrogati lilha.

5. Is-socjeta` appellanti inoltre issottomettiet li gej:-
Illi ma jirrizulta l-ebda dubbju anzi huwa ampjament pruvat li l-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur minghajr hsara u giet konsenjata lill-impurtatur bil-hsara.

Illi huwa pacifiku li f'kawzi ta' dan it-tip l-attur ghandu jipprova li l-merkanzija giet konsenjata lill-vettural minghajr hsarat u giet konsenjata lill-impurtatur b'xi hsara jew nuqqas. La darba l-attur jgib prova sufficjenti ta' dan l-oneru jdur fuq il-konvenuti biex jippruvaw jiskolpaw ruhhom.

Illi fil-kaz in ezami l-konvenuti gabu provi li forsi prima facie jistghu jidhru konfliggenti: *tally sheets* iffirmati miz-zewg *tally clerks* li juru hsarat u *tally sheets* iffirmati miz-zewg *tally clerks* li ma jurux hsarat. Pero` dan il-kunflitt huwa konfliggenti biss fl-apparenza.

Illi x-xhud Anthony Mamo – prodott mill-konvenuti Mifsud – spjega (xiehda li ma gietx kontradetta mill-konvenuti Abela) li malli tigi skarikata l-merkanzija mill-vapur isir it-taljar mit-*tally clerks* tal-vapur; meta mbaghad il-merkanzija tittiehed fit-tinda jsir taljar mit-*tally clerks* tal-konvenuti Abela. It-*tally clerks* imbaghad jiffirmaw *it-tally sheets* ta' xulxin.

Illi l-istess xhud spjega li l-vapur ghandu l-obbligu biss li jiskarika l-merkanzija; huma l-konvenuti Abela li ghandhom l-obbligu li jgorru l-merkanzija fit-tinda biex imbaghad jikkonsenjaha lill-impurtatur.

Illi apparti l-fatt li din ix-xiehda ma gietx kontradetta mill-konvenuti Abela hija plawsibbli u verosimili. L-interess tal-vapur huwa li tigi elenkata l-merkanzija fil-mument li tigi skarikata mill-vapur u ma jibqax responsabbli ghaliha. Il-fatt li *tally clerks* iffirmaw it-*tally sheets* ta' xulxin ghandu jindika li kien hemm accettazzjoni li l-merkanzija giet

skarikata minn fuq il-vapur fi stat tajjeb u li giet kawzata hsara sa kemm ittiehdet fit-tinda.

Illi ta' min wiehed jirreleva wkoll li jekk jezisti xi kunflitt bejn dak li qed jghidu l-konvenuti jew dak li jirrizulta mid-dokumenti li jesebixxu ma ghandux ikun l-attur li jbati l-konsegwenzi.

Illi l-impurtatur ma ghandu l-ebda kontroll fuq kif jigu redatti d-dokumenti li ipprezentaw il-konvenuti ghalhekk il-konsegwenzi tal-mod kif jigu redatti dawn id-dokumenti ghandhom ibatuhom il-konvenuti u mhux l-attur. Jekk il-konvenuti jigu ippremjati ghall-konfuzjoni fid-dokumenti (jekk jista' jinghad li hemm konfuzjoni fil-kaz in ezami) il-Qorti tkun qed tinkoragixxi lill-konvenuti biex jirredigu dokumenti ufficjali b'mod legger u inezatt biex imbaghad jiskartaw ir-responsabilita` taghhom fil-konfront ta' l-importaturi.

Illi ghalhekk ghandu jsegwi li jekk jezisti xi kunflitt fid-dokumenti redatti mill-konvenuti, il-konsegwenzi ghandhom ibatuhom huma stess billi r-responsabilita` jgorruha flimkien u jigu kundannati t-tnejn biex ihallsu d-danni.

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici appellanti talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Mejju 2002, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

**<u>IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA` KONVENUTA S. MIFSUD & SONS LIMITED</u>**

6. Is-socjeta` konvenuta appellata S. Mifsud & Sons Limited wiegbet hekk:

Illi s-socjeta` appellanti/attrici trid tipprova illi l-merkanzija ta' l-assigurat taghha (a) telghet kollha, (b) telghet abbord fi stat tajjeb, u (c) sabiex is-socjeta` appellata tista' tinstab responsabbli ghad-danni fil-konfront taghha, illi n-nuqqas jew hsarat fil-merkanzija in kwistjoni graw waqt li l-istess

merkanzija kienet fil-pussess u taht il-kura u kustodja tas-socjeta` karikatrici tal-vapur.

Illi kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, u in konformita` mas-sentenzi l-ohra li nghataw minn dawn il-Qrati, jinkombi fuq l-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu u mhux fuq il-konvenuti li jippruvaw il-kuntrarju. Il-konvenuti ma ghandhom jipprovaw xejn jekk u meta l-atturi ma jirnexxielhomx jipprovaw huma t-tezi taghhom. F'dan il-kaz l-atturi ma ippruvawx li l-hsara grat waqt li l-istess merkanzija kienet fil-kura u kustodja tas-socjeta` appellata – hemm biss possibilitajiet, f'ghajnejn l-atturi, li xi parti mill-hsara grat waqt li din kienet fil-pussess ta' l-appellata – izda kif jaf kulhadd u kif tajjeb ghallmet l-ewwel Onorabbli Qorti dan il-grad ta' prova, fuq mera possibilitajiet, mhux bizzejjed.

Illi kif gie sottomess fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom, huma irnexxielhom jippruvaw, sia pure li ma kienx kompitu taghhom, illi in kwantu l-istadju sa fejn il-vapur huwa responsabbli u cioe` sal-mument tar-rilaxx tal-merkanzija minn fuq il-vapur, il-vapur qeda dmiru kollu u nizzel il-merkanzija fi stat tajjeb. Ara f'dan ir-rigward ix-xiehda moghtija minn Anthony Mamo, it-tally clerk koncernat, li ma giet bl-edba mod kontradetta minn hadd.

Illi ghalhekk kwantu dan l-appell jirriferixxi ghas-socjeta` appellata huwa sottomess bl-akbar rispett illi l-attur ma irnexxielux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu u t-talbiet tieghu fil-konfont tas-socjeta` appellata ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Dan kollu premess, hija tissottometti illi dan l-appell ghandu jigi michud kontra s-socjeta` appellanti biex b'hekk it-talbiet attrici jigu michuda bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellanti.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. L-appell tas-socjeta` attrici in succint jammonta f'lanjanza li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni zbaljata tal-provi prodotti. L-appellanti nomine jissottomettu li

huma irnexxielhom jaghmlu l-prova li hsarat tassew gew kagjonati fil-merkanzija importata.  Bil-fatt li z-zewg konvenuti appellati "hawdu" fid-dokumenti koncernanti it-"tallying" li jsir meta tasal il-merkanzija lokalment u tigi mqeghda in depost sal-waqt tar-rilaxx ma jfissirx li ghandha tirrispondi ghal tali mankanza s-socjeta` importatrici billi sadanittant ma jkollhiex kontroll fuq dak li jkun gie hekk ricevut.

8. Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi prodotti u l-ewwel aspett li attira l-attenzjoni taghha kien il-fatt li f'kawza intavolata fl-4 ta' Gunju 1990, l-ewwel darba li gew prodotti xhieda fiha biex jixhdu viva voce, u cioe` Adrian Mifsud u Anthony Mamo, imsejha min-naha tal-konvenuti, kien fit-23 ta' Ottubru 2001 – jigifieri aktar minn hdax-il sena wara!  Huwa minnu li din il-kawza tistrieh in parte fuq dokumentazzjoni relativa ghall-garr u hatt tal-merkanzija de quo, izda anke hawn hemm mankanzi gwappi li aktar iservu biex ihawdu l-imhuh milli jilluminaw lill-Qorti.

9. Kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti jirrizulta li fis-16 ta' Awissu 1989, inharget polza ta' kariku li kienet turi illi fuq il-bastiment Neptune Star tghabbew mija u tletin (130) romblu "toilet paper" – dan id-dokument juri li l-merkanzija tghabbiet 'clean on board'.  Mela dan juri li jekk – kif inhuwa l-kaz in ezami – l-istess merkanzija waslet ghand l-importatur fi stat iddanneggjat, li allura tali hsara sehhet bilfors wara li tghabbiet fuq il-bastiment.  Issa jirrizulta li d-disgwid kollu origina mill-mument li din il-merkanzija giet mahtuta lokalment – u meta suppost sar 'joint tallying', jigifieri ezami tal-merkanzija importata kemm min-naha tas-socjeta` konvenuta, agenti tal-bastiment, u kemm min-naha tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited.  Skond l-ufficjal tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited gew innutati 'a tempo vergine' hsarat fi sbatax-il (17) romblu u dan fil-21 ta' Awissu 1989, filwaqt li l-ghada sar 'tally" iehor pero` din id-darba, sorprendentement, ebda hsara ma giet innutata.  Il-persuna responsabbli mit-tieni ezami ta' "tallying" – Anthony Mamo – xehdet b'mod li din il-Qorti thoss li kien ghal kollox inaffidabbli.  Il-parti rilevanti tad-deposizzjoni tieghu giet inkorportata fis-sentenza appellata u ma

hemmx htiega li tigi hawn ripetuta. Jekk taghsarha pero` ssib li dan l-ufficjal kien bniedem inkompetenti u incert mill-bidu sa l-ahhar, li certament ifisser li zgur wiehed ma jistax jorbot fuq dak li stqarr – kif invece tippretendi s-socjeta` appellata S. Mifsud & Sons Limited. Imma d-diskrepanzi ma jieqfux hawn. Dan ghaliex, skond is-socjeta` attrici appellanti, l-hsarat kienu fil-fatt akbar minn dak li fil-bidu gie innutat. Di fatti, hija kienet ippremettiet inter alia hekk fl-att tac-citazzjoni,
“U peress li meta dawn il-jumbo reels gew skarikati f’idejn il-kontratturi tal-Port: il-kumpanija ‘The Cargo Handling Co. Ltd”, u minghandhom gew konsenjati lill-importatur irrizulta li kien hemm il-hsara li ‘at first glance gie’ innotat fuq il-Gate Pass Out – DokB u B2 – u li wara gew ezaminati izjed bir-reqqa gie deskritt fis-survey Dok C.”

Lanqas li wiehed kien jistenna huwa li, fic-cirkostanzi, is-socjeta` attrici tipproduci bhala xhieda dawk il-persuni li hija qabbdet kemm fil-mument li sar il-“Gate Pass Out” – jigifieri fil-mument tar-rilaxx tal-merkanzija f’idejha, kif ukoll meta dawn gew ezaminati meta twasslu fl-imhazen taghha. Dan ghaliex hemm sentenzi li gustament irritnew li l-‘Gate Pass Out’ jikkostitwixxi biss prova juris tantum u ma jammontax ghal xi prova irribattibbli. Pero` provi simili li juru xort’ohra jridu jitressqu ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti u kif tirrikjedi l-ligi tal-procedura. Hekk, mhux bizzejjed li jigi prodott ‘survey report’ maghmul ‘ex parte’ u minghajr il-konferma guramentata tieghu minn min irredigieh, jew ta’ lanqas tramite provi ohra li juru sufficjentmenet kif, meta u min ikkaguna l-hsarat. In mankanza ta’ dan kollu, allura jsegwi li fil-kaz in ezami l-unici hsarat li taghhom is-socjeta` attrici appellanti kienet intitolata ghar-rimborz kienu biss dawk il-hsarat li gew riskontrati mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited, jigifieri kwantu ghal sbatax-il romblu u xejn aktar minn hekk. Dan ukoll ifisser li r-responsabbilita` ghal tali hsara kienet taqa’ necessarjament fuq is-socjeta` l-ohra konvenuta jigifieri S. Mifsud & Sons Limited billi l-hsara giet innutata fil-mument tal-hatt tal-merkanzija minn fuq il-bastiment Neptune Star li originarjament kien ghabbiha abbord bhala ‘clean on board’.

10. Ghalhekk bil-fatt li z-zewg socjetajiet konvenuti donnhom qaghdu jimpikaw bejniethom minn kien l-aktar wiehed inkompetenti fl-operazzjoni tat-“tallying”, ma ghandux dan il-fatt jittiehed bhala xi nuqqas attribwibbli lill-parti attrici li sa dak il-mument tkun ghadha injara mill-akkadut u priva minn kull kontroll fuq l-istat tal-merkanzija. Is-socjeta` attrici, bhala surrogata fid-drittijiet litigjuzi ta’ l-assikurat taghha, kellha invece l-obbligu li tikkontrolla sew l-istat tal-merkanzija fl-istadju tar-rilaxx, jigifieri fil-mument li nhareg il-‘Gate Pass Out’. Mhux bizzejjed ghaliha li in segwitu tallega li nstabu aktar hsarat, tesebixxi ‘survey report’ ex parte u tieqaf hemm. Is-‘survey report’ li gie prodott mill-parti attrici jiccertifika biss li fil-mument li gie kondott dan is-‘survey’ gew tassew riskontrati hsarat aktar estensivi, imma dan mhux prova bizzejjed biex jistabilixxi wkoll in-ness dwar responsabbilita` ma’ xi wahda miz-zewg socjetajiet konvenuti. Il-prova li ressqu l-atturi dwar entita` ta’ danni akbar milli gie accertat waqt ir-rilaxx hi biss wahda possibilista u mhux wahda bazata fuq grad ta’ probabilita`. Daqstant iehor kien possibbli li l-hsara addizzjonali setghet saret minn min garr il-merkanzija mid-depost ta’ The Cargo Handling Company Limited sa l-imhazen taghha. Mill-banda l-ohra, lanqas ma huwa gust li ghal dak li jirrigwarda l-hsara fuq sbatax-il romblu jigu ezonerati kompletament iz-zewg socjetajiet konvenuti, kif invece iddecidiet l-ewwel Qorti. Dana ghaliex kif intqal supra, hemm provi sufficjenti li juru li, limitatament ghal tali hsarat ghandha twiegeb zgur is-socjeta` konvenuta appellata S. Mifsud and Sons Limited. Billi pero` l-ammont relattiv ghal dawn il-hsarat ghadu ma giex ikkwantifikat, hemm lok li din il-Qorti tillikwida hija stess dawn id-danni a bazi tal-provi fil-process, u dana ai termini ta’ l-Artikolu 233(1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Ciivli.

Id-dokumenti B, B1 u B2, esebiti mis-socjeta` attrici a fol 6 sa 8 tal-process, ma jidentifikawx xi rombli partikolari li kien fihom il-hsara, izda juru biss il-kwantita` ta’ rombli li kienu bil-hsara fil-mument li nhareg il-“Gate Pass Out”. B’hekk, huwa difficli hafna jekk mhux ukoll impossibbli, li ssir il-likwidazzjoni tad-danni bi precizjoni matematika, fuq il-bazi tal-provi akkwiziti ghall-process. Ghalhekk, id-

danni sejrin jigu likwidati *arbitrio boni viri* fis-somma ta' LM1,050 (elf u hamsin Lira Maltija).

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tilqa' in parte l-appell tas-socjeta` attrici u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu din cahdet it-talbiet kollha attrici kif dedotti, u dan billi tilqa' l-istess talbiet fil-konfront biss tas-socjeta` konvenuta S. Mifsud & Sons Limited, limitatament ghall-valur ta' LM1,050 rapprezentanti l-hsarat kagjonati fi sbatax-il romblu biss, liema ammont l-istess socjeta` S. Mifsud & Sons Limited qeghdha tigi kundannata li thallas lis-socjeta` attrici bl-imghax legali dekorribli mil-lum; u tikkonfermaha in kwantu cahdet l-istess talba kif dedotta fil-konfront tas-socjeta` l-ohra konvenuta The Cargo Handling Company Limited.

L-ispejjez taz-zewg istanzi relativi ghas-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited jibqghu unikament a kariku tas-socjeta` attrici, waqt li l-ispejjez l-ohra kollha taz-zewg istanzi jithallsu kwantu ghal tletin fil-mija (30%) mill-istess socjeta` attrici appellanti u kwantu ghar-rimanenti sebghin fil-mija (70%) mis-socjeta` konvenuta S. Mifsud and Sons Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------